## L-ISTATWA TA' SANTA KATERINA FIŻ-ŻEJTUN
**Kitba ta' Lorenzo Zahra**

Jidher ċar li fiż-Żejtun ilha ħafna stabbilita l-qima lejn il-Verġni Martri Santa Katerina ta' Alessandria. Dan jidher mill-qedem tal-Knisja li tinsab fiż-Żejtun, imma jidher ukoll mid-devozzjoni li ż-Żwieten kellhom lejn din il-Martri billi kellhom xbiha antika sa minn bosta snin.

Fis-sena 1763, kien Dun Domink Abela li sabiex ikompli jkabbar id-devozzjoni lejn Santa Katerina, offra lill-Parroċċa STATWA ĠDIDA ta' Santa Katerina.

Hawn il-kelma 'ġdida' (NUOVA VARA) tfisser li ġa minn snin qabel kien hemm statwa oħra.

Dan iz-zelanti saċerdot ħaseb mhux biss li joffri statwa għad-devozzjoni, imma wkoll ried li l-Isqof jagħti Indulġenzi lil kulmin kien jagħmel talba quddiem din ix-xbiha. Fil-fatt l-Isqof kien ta bħas-soltu, Indulġenzi ta' 40 jum lil min kien jgħid Pater Ave quddiem Santa Katerina.

Bis-saħħa ta' dan id-dokument, nagħrfu li fiż-Żejtun diġa` kien hemm statwa ta' Santa Katerina qabel is-sena 1763.

Id-data ta' l-għotja ta' l-Indulġenza hija tad-9 ta' Frar, 1763.

AAM. Supp Vol III p 105.

***Lorenzo Zahra***

## IL-QIMA LEJN SANTA KATERINA FIL-GŻEJJER TAGĦNA
**Kitba tal- Kan. Joseph Grech Cremona**

Bħalma Santa Katerina, Verġni u Martri ta' Lixandra hi meqjuma b'mod ta' l-għaġeb mad-dinja kollha Nisranija – insemmu biss il-Katidrali ta' Lixandra fl-Eġittu, ta' Cartagena fil-Kolombja u ta' Goa fl-Indja, barra mill-knisja tal-monasteru (Ortodoss) tas-Sinai, miżjur dan l-aħħar mill-Papa Ġwanni Pawlu II, u fejn jinsab il-fdal tal-qaddisa – ma setax jonqos li Santa Katerina tkun meqjuma ħafna, ukoll fil-gżejjer tagħna.

Difatti, barra miż-żewġ Parroċċi, it-tnejn Arċipretali u Matriċi taż-Żejtun u taż-Żurrieq, insibu f'Malta mhux inqas minn disa' knejjes jew kappelli oħra ddedikati lil Santa Katerina; li huma Santa Katerina msejħa "d'Italia" fil-Belt Valletta, u oħrajn fir-Rabat, fl-inħawi msejħa "tad-Daħla", f'Wied il-Għasel, limiti tan-Naxxar f'Birkirkara, fit-triq il-Kbira (magħrufa ta' Sant' Antnin), fil-Gudja, f'Ħal Qormi, il-Parroċċa l-qadima taż-Żejtun (magħrufa bħala San Girgor), monument insinji ta' l-antikità, fil-pjazza ta' l-Imqabba, u fil-limiti tal-Qrendi.

Barra minn dan, il-monasteru tas-Sorijiet Agostinjani tal-Klawsura fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta għandu bħala Patruna lil Santa Katerina, li tagħha hemm l-artal fil-knisja, u li tagħha ssir il-festa bis-solennità kollha. Insibu wkoll artali ta' Santa Katerina fil-Kolleġġjati tal-Birgu, l-Isla u Bormla, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, u fil-Parroċċi ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' Marsaxlokk. Fil-Bażilika ta' Birkirkara, hemm ukoll kwadru kbir tal-martirju ta' Santa Katerina.

Jeżistu wkoll statwi tagħha mhux biss fil-Parroċċi taż-Żejtun u taż-Żurrieq imma wkoll fil-Kolleġġjata tal-Birgu, fil-Knisja tagħha f'tad-Daħla, ir-Rabat, u f'dik ta' San Rokku tal-Belt Valletta.

Fil-gżira ta' Għawdex għandna kwadru ta' Santa Katerina fuq l-artal tar-Rużarju, fil-Knisja Katidrali, kwadru ieħor fis-sagristija ta' l-istess Katidral, u artal fil-Bażilika ta' San Ġorġ tal-Belt Vittorja, peress li antikament kien hemm Knisja tagħha f'dik in-naħa. Fil-Bażilika tax-Xagħra nilmħu lil Santa Katerina flimkien ma' San Lawrenz fil-kwadru tal-Madonna tad-Dawl.

Dan juri li Santa Katerina, meqjuma mad-dinja kollha, hija wkoll ferm meqjuma fil-gżejjer tagħna.

**Kan Joseph Grech Cremona**